MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Numru. 171/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**
**SPETTUR KEVIN FARRUGIA**
**KONTRA**

**GARY MERCIECA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Gary Mercieca ta’ 19- il sena, bin Joseph u Antonia nee’ Attard, mwieled Pieta’ nhar is- 7 ta’ Awwissu 1990, residenti gewwa 242, ST. Georges, Triq Hompesch, Fgura u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 384390(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

1) Talli nhar l- 24 ta’ Frar 2010 ghall- habta ta’ xi 8.00hrs, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’ hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta’ Antione Cachia persuna inkarigat skond il- Ligi minn servizz pubbliku fil- waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal- Ligi jew ta’ ordni moghtija skond il- Ligi minn Awtorita’ kompetenti, u dan bi ksur tal- Artikolu 96 (a) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

2) U aktar talli fl- istess jum, data, lok u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il- persuna ta’ Antione Cachia persuna nkarigata skond il- Ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li ghamel dan is- servizz jew bil- hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l- Ligi fl- esekuzzjoni ta’ dak is-servizz bi ksur tal- Artikolu 95 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

3) U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkawza offiza ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ Antione Cachia u dan skond ma ccertifika Dr. J. C. Abela MD Reg no. 2536 mic- Centru tas- Sahha tal- Furjana, u dan bi ksur tal- Artikolu 221 (1) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

4) U aktar talli fl- istess jum, data, lok u cirkostanzi bil- hsieb li jtellef jew inaqqas l- gieh ta’ Antione Cachia weggghu bi kliem b’ gesti jew b’ mod iehor u dan bi ksur tal- ARtikolu 252 (1) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

5) Aktar talli fl- istess jum, data, lok u cirkostanzi hebb ghal Antione Cachia sabiex jingurjah, idejjaq jew jaghmillu hsara u dan bi ksur tal- Artikolu 339 (d) u (e) tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

6) U aktar talli fl- istess jum, data, lok u cirkostanzi qal fil- pubbliku kliem indicenti u oxxen, liema kliem kien

jikkonsisti f' dagha fil- pubbliku u dan bi ksur tal- Artikoli 338 (bb) u 342 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

7) U aktar talli fl- istess jum, data, lok u cirkostanzi imbotta lil Antione Cachia sabiex iweggghu jew jinsulentah u dan bi ksur tal- Artikolu 339 (1) (1) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

8) U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala ufficjal pubbliku ikkommetta reat li hu bhala ufficjal pubbliku kellu fid- dmir li jissorvelja li ma jsirx jew li minhabba l- kariga tieghu hu kellu d- dmir li jimpedixxi milli jsehh u dan bi ksur tal- Artikolu 141 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi fis-seduta stess kien hemm rikonciljazzjoni bejn l-imputat u l-parti l-ohra fil-kawza, u li skuza ruhu ghall-incident in kwistjoni;

**Ikkunsidrat:**

Illi in vista tal-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti qeghda ssib htija fih ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Dan kien incident mhux tas-soltu. Nhar l-24 ta' Frar, 2010, fil-ghodu, l-imputat kien stazzjonat bhala Gwardjan Lokali barra l-iskola Maria Regina, fi Fleur-de-Lys, B'Kara. Hu ghalaq it-triq tal-iskola ghat-traffiku, bhal ma jigri meta

jkun hemm it-tfal tal-iskola dehlin, u ra vettura misjuqa minn Antoine Cachia diehla minn din it-triq. Cachia huwa “facilitator” fl-istess skola, u ried jidhol minn dik it-triq biex jibqa’ diehel l-iskola. L-imputat waqqfu, u meta dan Cachia baqa’ jinsisti biex ighaddi xorta, l-imputat harrek lil Cachia ghal kontravenzjoni tat-traffiku, u qam argument bejniethom u gew fl-idejn. Cachia sofra xi griehi hfief, izda kien dan tal-ahhar li beda l-incident bl-imgieba aggressiva tieghu. L-imputat, bhala ufficjal pubbliku, ghamel hazin li rreagixxa b’ dak il-mod, izda hu sab ruhu aggredit minn Cachia, li hebb ghalih minghajr provokazzjoni. Ghalhekk, ghalkemm l-imputat irregistra ammissjoni, il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jkun hemm temperament fil-piena fil-konfront tieghu, in vista tac-cirkostanzi partikolari ghall-ahhar f’ dan il-kaz.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 96 (a), 95, 221 (1), 252 (1), 339 (d) (e), 339 (1) (1) u 141 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------